# Maltese Literature Group Inc.
# Grupp Letteratura Maltija Ink.

Incorporation No. A8686H

*Kull korrispondenza għandha tintbagħat lis-Segretarju f'dan l-indirizz:*

**MLG, 477 Royal Parade, Parkville, Victoria 3052**

**FOLJU T'AĦBARIJIET**
**Numru 229 :: ĠUNJU, 2015**



**Editur: Paul Vella**
paul.vella44@gmail.com


## IL-LAQGĦA TAL-MEMBRI LI TMISS

Fil-laqgħa ta' Mejju, il-Kumitat u l-membri qablu li minħabba l-ġranet keshin tax-xitwa u l-maltemp, il-laqgħat li ġejjin ta' Ġunju u Lulju, flok isiru fis-7.30 ta' filgħaxija, isiru **l-aħħar Ħadd tax-xahar wara nofsinhar.** Għalhekk il-laqgħa li tmiss se tkun nhar **il-Ħadd, 28 ta' Ġunju, fil-Boardroom taċ-Ċentru Malti ta' Parkville, fit-3.00 pm**, anki jekk dak in-nhar ikun hemm ir-restaurant li jsir fl-aħħar Ħadd tax-xahar. ***Albert Agius bagħat iselli għall-membri kollha minn Malta.***

## IL-LAQGĦA TA' APRIL



Għalkemm bdiet dieħla x-xitwa, għal-laqgħa ta' April kellna ftit membri mhux ħazin: Dr Victor Sammut, Ray Anastasi, Marie Louise Anastasi, Salvina Vella, Paul Vella, Manwel Cassar, Bernadette Cassar, George Portelli, Frank Bonett, Joe Bonett, Alfred Xuereb, Michael Xuereb, John Muscat. Kien hemm apoloġiji minn Rosemary u Charles, Attard, Josephine Cassar u Rose u Joe Lofaro.

Fil-laqgħa sar qari minn diversi membri. George Portelli beda biex qara 'L-Għanja tal-Emigranti Maltin' u 'Knejjes Minsija' mill-ktieb Ġabra ta' Poeżiji ta' Ružar Briffa b'edizzjoni kritika ta' Prof. Oliver Friggieri. Manwel Cassar qralna 'Ħruxija Waħda' u epigrammi, miktuba minnu stess. John Muscat qara x-xogħol tiegħu, 'Minn Din it-Triq' u wara smajna lil Michael Xuereb jaqra l-kitba tiegħu stess, 'Il-Vizzju tal-Logħob', 'Jum l-Anzac' u 'Dawra ma' Malta'. Wara erġajna smajna lil John Muscat bil-poeżija tiegħu 'Is-Sajjetti'.

Imbagħad sar studju ta' kliem Malti li ma tantx kienu familjari għal dawk preżenti, bil-għajnuna tad-dizzjunarju ta' Aquilna li ġibna mil-librerija taċ-Ċentru.

Il-lejla spiċċat billi kulħadd ħa kikkra te jew kafe` u ftit gallettini.

## MIŻATA TA' SĦUBIJA

Il-miżata ta' sħubija issa qed titħallas fl-1 ta' Jannar ta' kull sena minn kulħadd. Dan ifisser li l-miżata issa titħallas minn Jannar sa Diċembru. Dawk li għadhom ma ħallsuhiex huma mitluba jagħmlu dan fil-laqgħa li tmiss u jaraw lil Ray Anastasi. Grazzi. Il-miżata għadha $10 kull familja. Grazzi lil dawk li ħallsu l-miżata fl-aħħar laqgħa tagħna.

## DINJET IL-QATTUS




Hu ta' pjaċir kbir nara l-ktieb *Catlore* joħroġ f'edizzjoni bil-Malti. Fiż-żmien li jien u marti qattajna f'Malta ġejna addottati minn qattusa sabiħa Maltija li jum fost l-oħrajn waslet il-villa u ma telqet qatt. Bħall-qtates kollha, hi kienet iġġib ruħha daqslikieku d-dar kienet tagħha u aħna sirna nħobbuha ħafna. F'Catlore jien ippruvajt inwieġeb it-tip ta' mistoqsijiet li staqsewni n-nies dwar il-qtates tagħhom, bħal ngħidu aħna kif iħarħru l-qtates, kemm idumu jitgħammru, u jekk għandix naqlgħalhom difrejhom ħalli ma jibqgħux jigirfuli l-għamara. Uħud mit-tweġibiet tiegħi għall-mistoqsijiet kapaċi jissorprendukom, imma wara kollox il-qtates huma annimali sorprendenti, mimlijin misteri u għandhom personalità annimaleska mħabbla b'mod tal-għaġeb. Nittama li tieħdu pjaċir taqrawh daqskemm ħadt jien niktbu – Desmond Morris

*It-traduttur Toni Aquilina huwa Professur fid-Dipartiment tal-Istudji tat-Traduzzjoni, tal-Interpretar u tat-Terminoloġija fl-Università ta' Malta. Huwa awtur ta' bosta kitbiet oriġinali u traduzzjonijiet mill-Franċiż, mit-Taljan u l-Ingliż għall-Malti, stampati f'kotba jew imxerrdin f'ġabriet kollettivi. Rebaħ erba' darbiet l-ewwel premju fil-konkors tat-traduzzjoni tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Rebaħ ukoll il-premju internazzjonali Premio Ostana – Scritture in Lingua Madre – Categoria Traduzione. Aquilina hu l-editur u koawtur ta' Français-niveau intermédiaire, Théorie et pratique de la traduction littéraire français-maltais, tal-Glossarju Franċiż-Malti/Malti-Franċiż, kif ukoll tal-Glossarju Ġermaniż-Malti Malti-Ġermaniż. Huwa wkoll l-Editur Ġenerali tas-SensielaTraduzzjonijiet tad-Dar tal-Pubblikazzjonijiet Faraxa.*

## “KATRINA” — *Rumanz ta’ Lina Brockdorff*




F’lejla kiesħa ta’ nofs Jannar, f’ħalba xita qawwija, Katrina tkun ħierġa mill-Belt u tlebbet biex taqbad karozza tal-linja għal Birkirkara. Idejha nġazzati, lanqas il-flus ma setgħet toħroġ mill-portmoni. Warajha nies jistennew fix-xita barra mill-karozza...

B’dankollu, dak in-nhar qabel raqdet kitbet hekk fid-djarju tagħha: Din tal-lejla hija esperjenza ġdida, li nittama ma ninsieha qatt ...”

X’kien hemm qed jistenna lil Katrina wara dik il-lejla? L-imħabba għandha ħabta tinbet meta l-inqas tkun qed tistenniha. Iżda x’jiġri meta l-imħabba ssib kollox kontriha? Meta saħansitra jkun hemm fin-nofs ġlieda ħarxa għax tidħol il-politika partiġjana biex tifred il-familji?

Kemm hu veru dak li jgħidu li l-qalb ma tafx b’raġuni għax tirraġuna b’mod stramb u mhux dejjem loġiku. U f’nofs dat-taqlib kollu, xi jsir minn Katrina u mill-maħbub tagħha Philip? Jirnexxilha tibqa’ tiftakar u tgħożż dik il-lejla tax-xita ta’nofs Jannar?

## SHARON U L-KUNJATA — Djarji minn Ramallah: Suad Amiry

***Traduzzjoni ta’ Jean Paul Borg***

Pubblikata minn SKS Malta ISBN 978-99932-17-37-4

It-traduzzjoni ta’ dan il-ktieb ġie mniedi f’April f’ St James Cavalier Valletta.

F’dan ir-rakkont mill-aktar mexxej u sottili, minkejja li jittratta l-ħakma detestibbli tal-okkupatur Israeli fil-Palestina, Suad turina il-proċess ta’ de-umanizzazjoni li jgħadddu minnu dawk li joqogħdu f’Ramallah. F’dan ir-rakkont personali Suad turina il-wiċċ tal-Palestinjani li kuljum ikollhom iħabbtu wiċċhom mas-suldati tal-okkupazzjoni u mad-digrieti ta’ bla sens li joħorġu għal-għarrieda biex jgħakksuhom.

Għalkemm il-ħajja f’Ramallah hija diffiċli u perikoluża, Suad jirnexxilha tagħmel attijiet li għalkemm żgħar fihom infushom idejqu lill-okkupatur. Per eżempju li tiċċassa lejn suldat sakemm jitilgħulu. Eżempju ieħor li nibqgħu niftakru hu kif irnexxiela tidħol Ġerusalemm fuq il-passaport tal-kelb għax la hi u lanqas il-karozza tagħha ma kellhom wieħed.

## *ITTRI LI NIRĊIEVU...*

Għażiż Sur Paul, Prosit u grazzi tal-Folju. L'anqas temmen, qiegħdin hawn Malta, u kultant ikun hemm tagħrif li aħna stess li qiegħdin ngħixu f'Malta ma nafuhx, u nsiru nafuh minn fuq dan il-Fuljett Letterarju. Għal darb'oħra, prosit u grazzi minn qalbna. Nixtiequlkom kull ġid, saħħa u ħafna risq tajjeb u sabiħ. Insellu għal ħutna kollha Maltin u Għawdxin fl-Awstralja.

***Salvinu Caruana***

Għażiż Paul, Napprezza bis-sħiħ u niżżikħajr qatigħ tal-Folju Tal-Grupp Letteratura Maltija tal-Victoria, mimli tagħrif, kummenti u tagħlimiet. Il-bandiera tagħna, dejjem żammejtuha fil-għoli. B’imħabba,

***Mario Griscti***

Għażiż Paul, Prosit u grazzi ħafna mill-ġdid għall-folju Tal-Grupp Letteratura li għoġbok tibgħatli u li jien apprezzajt tassew. Nifraħlek dejjem minn qalbi għall-ħidma kbira tiegħek għall-isem ta' Malta. ***Prof. Oliver Friggieri***

Għażiż Paul, Prosit u grazzi tal-Folju tal-GLM ta' Victoria. Ngħid għalija dejjem sibtu informattiv, anki jekk ċertu tagħrif inkun nafu ġa għax ikun lokali. Suġġeriment żgħir. Min jaf kieku kultant tippubblikaw xi intervista qasira (jew xi bijografija) ta' awtur Malti. B'hekk, il-membri tal-GLM isiru aktar midħla tal-kittieba Maltin u forsi wkoll ifittxu x-xogħlijiet tagħhom. Dan ikun pass ieħor 'il quddiem biex il-Malti jibqa' ħaj fl-Awstralja wkoll.

***Alfred Massa***

Carissimi Salvina u Paul, Grazzi ħafna tal-Folju GLM Mejju 2015. Dejjem interessanti ħafna u nitgħallem ħafna minnu allavolja xjaħt.
Fl-għaqda ta’ talb insellmilkom
Fi Kristu Sidi,

***Patri Crispin Tabone, OFM Cap***

Għażiż Paul, grazzi minn qalbi u prosit. Veru interessanti.
Tislijiet, ***Prof. Rena Balzan,***
Department of Physiology and Biochemistry
University of Malta

Għaziż Paul, Nirringrazzjak ħafna għall-Folju għax nieħu gost ħafna meta jasalli u naqra dan it-tagħrif. Qed nibgħatlek poeżija żgħira li ktibt dan ix-xahar:

Daqsxejn ta' dubju
Ħarist lejn wiċċ Malta.
Rajt li għamlulha wisq irtokk.
Bajdulha wiċċha bħall-Geisha
jo bħall-buffu taċ-ċirklu?
Ara qisu la tatuhiex mera
għax wisq nibża' li jekk tara wiċċha,
jiġrilha bħan-nisa li jagħmlu 'make-over'.
Jew tant tistħi li togħdos taħt l-ilma.

Tislijiet ***Amanda Busuttil***

Department of Premier and Cabinet
OFFICE OF MULTICULTURAL AFFAIRS AND CITIZENSHIP
*Proudly supported by the Office of Multicultural Affairs and Citizenship*

**BANK OF VALLETTA p.l.c.**
*Uffiċċju Rappreżentattiv:*
**16 Watt Street, Sunshine 3020**
**Telephone: 9311-3222**



## PROF. GODFREY WETTINGER (1930-2015)

Il-ħidma ta' Godfrey Wettinger hi għażiża għalina għax xandar kemm-il studju fuq ilsienna, u tefa' dawl fuq l-ewwel kelliema tiegħu meta kiteb il-ġrajja tal-Għarab f'Malta.

Barra minn hekk, studja l-ismijiet tal-inħawi u ġabar 6,000 minnhom. Wera li ħafna kienu ismijiet proprji ta' kelliema Għarab (bħal Wied GĦOMOR, Ħal TMIEM, Għajn TUFFIEĦA). Studja l-laqmijiet medjevali u l-oriġini tal-kunjomijiet Maltin. Fuq kollox sab il-Kantilena ma' Patri Mikiel Fsadni u biha fetaħ it-triq għall-istorja tal-ilsien Malti.

Illum għandna qalbna sewda għax tlifna xi ħadd li ddedika ħajtu għar-riċerka.

## Salammbô




Salammbô ħallet l-imsielet ta' widnejha, il-ġiżirana, il-brazzuletti, il-libsa twila; ħallet iż-żigarella ta' ma' xagħarha, u għal ftit minuti ċaqalqitu fuq spallejha, bil-ħlewwa, biex hi u tferrxu tiffriska lilha nfisha. Id-daqq barra kompla għaddej; kienu tliet noti, dejjem l-istess, mgħaġġlin, furjużi; il-kordi kienu qed iżaqżqu, il-flawt kien qed jonfoħ; Tagħnak kienet qed iżżomm ir-ritmu hi u tħabbat idejha; Salammbô, hi u ċċaqlaq ġisimha kollu 'l hawn u 'l hemm, kienet qed tgħanni t-talb, u l-ilbiesi, waħda wara l-oħra, kienu qed jaqgħu madwarha.

It-tapizzerija tqila triegħdet, u dehret ras il-piton. Niżel bil-mod, donnu qatra ilma tgelgel ma' ħajt, jitkaxkar bejn il-ħwejjeġ sparpaljati, imbagħad, b'denbu mwaħħal mal-art, refa' lilu nnifsu dritt dritt; u għajnejh, aktar brillanti mill-karbunkli, żeġġu lejn Salammbô.

Il-biża' mill-kesħa jew il-mistħija, ġegħelha għall-ewwel teżita. Iżda ftakret l-amar ta' Xahabarim, u avvanzat; il-piton dawwar lilu nnifsu 'l isfel, u ħalla rasu u denbu jiddendlu, bħal giżirana maqtugħa biż-żewġt itruf tagħha jkaxkru mal-art. Salammbô dawritu madwar ġenbejha, taħt dirgħajha, bejn irkupptejha; imbagħad qabditu mill-ħanek, ressqet dan il-ħalq żgħir trijangulari sax-xifer ta' snienha, u, hi u tbexxaq għajnejha, tefgħet lilha nfisha lura fuq ir-raġġi tal-qamar. Id-dawl abjad deher qed jiksiha bi ċpar tal-fidda, il-forma tal-passi għarqanin tagħha kienet qed tleqq fuq il-pavimenti tal-irħam, kwiekeb kienu qed jitriegħdu fil-qiegħ tal-ilma; issikka magħha ċ-ċrieki suwed ittikkjati tal-qxur ta' denbu. Salammbô kienet qed tilheġ taħt dan il-piż tqil iżżejjed, ġenbejha kienu qed jitgħawġu, ħassitha qed tmut; u bit-tarf ta' denbu ta daqqa bil-ħlewwa kollha ma koxxitha; imbagħad id-daqq siket, u reġa' nqala' mill-ġdid."

## JERĠGĦU JILTAQGĦU L-KITTIEBA GĦAWDXIN

Jidher li d-diversi serati letterarji li għamilna matul dawn l-aħħar sentejn fl-okkażjoni tal-Karnival, tal-Ġimgħa Mqaddsa, tal-Milied, eċċ, bis-sehem ta' wħud mill-kittieba Għawdxin li matulhom inqraw anke xogħlijiet ta' kittieba li ħallewna, intlaqgħu tajjeb, u allura b'dan ir-riħ fil-qala', ser nagħmlu serata oħra nhar il-Ġimgħa 5 ta' Ġunju fis-7.30pm fil-Librerija Pubblika ta' Triq Vajrinġa, Rabat Għawdex li matulha qed jiġu mistiedna l-kittieba Għawdxin, uħud minnhom magħrufa sew fostna. Bla dubju nħeġġu lill-istudenti u lil dawk kollha li għandhom għal qalbhom il-Letteratura Maltija biex iżommu dik il-ġurnata vojta u jiġu jisimgħu xi ftit poeżija sabiħa, xi novella, xi ftit epigrammi li tant kien magħruf għalihom il-Poeta tan-Natura u ex President ta' Malta Anton Buttiġieġ, magħruf bħala Toni l-Baħri mwieled il-Qala, xi storja, xi ftit folklore flimkien ma' xi ftit mużika bil-għajnuna sbiħa ta' Mro Antoine Mercieca. Billi jkun beda Ġunju u allura s-sajf jinsab qrib u l-festi jkunu bdew ukoll, dis-serata qed insemmuha: Is-Sajf Magħna u l-Festi wkoll. Se jinqraw xi siltiet mix-xogħlijiet ta' Ġorġ Pisani u Patri Mattew Sultana, Kapuċċin mix-Xagħra, kif ukoll ser nisimgħu xogħlijiet minn fomm il-kittieba Charles Bezzina, li għadu kemm tana ktieb dwar Għawdex fl-Aħħar Gwerra, Ganninu Cremona, Anton F. Attard, Joe Camilleri, Joe W. Psaila, Patri Remiġ Galea, Kapuċċin li għadu kemm ingħata Ġieħ Sannat, Mario Borg, Raymond Caruana, Dr Alfred Grech, Frans Mizzi u Pierre Mejlak li dan l-aħħar għal kitbiet tiegħu rebaħ premju prestiġġjuż mill-Ewropa. Jekk naraw li ma tħalluniex waħidna, għal ġejjieni nerġgħu noħolmu b'xi ħaġa oħra! Tinsewx li l-bniedem ma jgħixx bil-ħobż biss!

— ***Kav Joe M. Attard***

**Il-materjal għall-Programm Mużiko-Letterarju għandu jasal għandi sa' l-aħħar ta' Ġunju minħabba li x-xogħol irid jinqara u jiġi kkoreġut u moqri għal dar-b'oħra. Dawk li għandhom l-aċċess għall-*internet* għandhom jibgħatu x-xogħol lil paul.vella44@gmail.com u jekk le, bil-posta lil: Paul Vella, 4 Legh Street, Reservoir, Victoria 3073. Grazzi.**

**Nirringrazzja lill-membru tagħna Rose Lofaro li tgħin fil-qari tal-provi għalkemm jekk taħrab xi kelma nidħol responsabbli għaliha jien. Grazzi wkoll lil Joe Borg u Patrick Sammut u ħafna oħrajn għat-tagħrif fuq il-letteratura Maltija f'Malta. Grazzi u napprezza.**